MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1030/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

vs.

**1. Dr Anthony Cutajar LL.D. u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tas-17 ta' April, 2008, gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Marin Petrov Marinov (passaport Bulgaru bin-numru 5374329) u**
**2. Sofia Rusanova K.I. nru 20120 (A)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fl-10 ta' Ottubru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino datat 15 ta' Lulju 1999 (Dok "A"), is-socjeta' attrici Bank of Valletta

p.l.c. ikkoncediet “Loan Facility” lill-konvenuti Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova fis-somma ta’ disgha u erbghin elf, mija u sitta u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€49,126.90) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-27 ta’ Settembru 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Marvin Petrov Marinov u Sofia Rusanova li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Lulju 2006 li kopji taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "C", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tilqa it-talbiet tas-socjeta’ attrici u :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Marin Petrov Marinov u Sofia

Rusanova li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u

2. Tikkundanna lil Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u sitta u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€49,126.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-27 ta' Settembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici li ghalihom is-socjeta' attrici tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali u tar-rikors ghan-nomina ta' Kuraturi Deputati datati 13 ta' Lulju 2006 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u il-PL Liliana Buhagiar, li *in forza* taghha huma eccepew :

1) Illi f'dan l-istadju huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza, u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri. F'dan ir-rigward jitolbu lis-socjeta' rikorrenti sabiex jekk ghandha tipprovdilhom l-indirizz barra minn Malta tar-rapprezentant taghhom sabiex l-istess kuraturi jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti, ix-xiehda illi inghatat u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi, minkejja illi inghataw din il-fakulta', l-partijiet ma ipprezentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-atti illi minn meta gie ipprezentat ir-rikors guramentat sal-lum il-konvenuti ma ghamlu l-ebda pagament u ghalhekk l-ammont ghadu kollu dovut lill-bank attur. Irrizulta ukoll illi l-konvenuta Sofia Rusanova ma ipprezentata l-ebda risposta guramentata u ghalhekk hija kontumaci u irrizulta wkoll illi il-kuraturi deputati ma irnexxielhomx jaghmlu kuntatt mal-konvenut Marin Petrov Marinov u martu il-konvenuta stqarret bil-gurament illi ma tafx fejn jirrisjedi, izda taf illi telaq minn Malta.

Illi ghalhekk il-Qorti tara minn ezami tal-provi kollha u tal-atti kollha ta’ dan il-procediment illi il-bank attur irnexxielu jipprova illi l-bank attur ikkonceda “Loan Facility” lill-konvenuti u ipprova ukoll illi l-bank attur huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta’ disgha u erbghin elf, mija u sitta u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€49,126.90) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ l-konvenuti mal-Bank of Valletta flimkien ma’ l-imghax ulterjuri kif mitlub.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati illi jirrapprezentaw lill-konvenut Marin Petrov Marinov u fil-kontumacja tal-konvenuta qeghda tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lil Marin Petrov Marinov u lil Sofia Rosanova sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disgha u erbghin elf, mija u sitta u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€49,126.90) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ l-istess konvenuti mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-27 ta’ Settembru 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament; u dan minghajr pregudizzju ghal sommon ohra ta’ flus dovuti mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici illi ghalihom is-socjeta’ attrici irrizervat li tipprocedi f’gudizzju separate; Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------